**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatur Kriminali**

**Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi B.A. LL.D**

**Republika ta' Malta**

**kontra**

**Goran Poljakovic**

**Illum, 22 ta' Ġunju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat li il-Pulizija ippreżentat taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja lil Goran Poljakovic, ta' disgħa u tletin (39) sena, ta' nazzjonalità Serbjana, iben Damir u Tereza Rudinski, imwieled Subotica (Serbia) nhar it-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983), u residenti fil-fond fl-indirizz 61, Joseph, Fl 1 Triq San Patrizju, Birżebbuga, u detentur tal-passaport Serb bin-numru 016870145 fejn f'isem ir-Repubblika ta' Malta ġie akkużat:

*"li fi Triq iċ-ċikwejra, Santa Luċija, u/jew f'postijiet oħrajn f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' bejn it-tmintax (18) u dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023):*

*1. Volontarjament ta n-nar lil vettura jew lok ieħor imsemmi fl-Artikolu 316 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), iżda meta fil-waqt ma kien hemm ebda persuna hemm ġewwa, u din il-vettura jew lok ieħor, kienet qiegħda b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor;*

*2. Volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, ċioè:*

*i. il-vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni KCF 734, proprjetà ta' Chanel Vella u/jew persuna jew persuni oħra oħra;*

*ii. il-vettura tal-għamla Maruti Omni bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD 105, proprjetà ta' Anthony Zerafa u/jew persuna jew persuni oħra;*

*iii. il-vettura tal-għamla Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni DBN 572, proprjetà ta' Anthony Attard u/jew persuna jew persuni oħra;*

*liema ħsara hija ta' ammont li jeċċedi l-ammont ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500);"*

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex:

*"i. tipprovdi għas-sigurtà ta' Chanel Vella, Anthony Zerafa u Anthony Attard billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;*

*ii. f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;*

*iii. f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;*

*iv. f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;"*

Semgħet l-uffiċjal prosekutur jispjega bil-ġurament tiegħu ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-arrest tal-imputat u wara li l-Qorti kkonvalidat tali arrest stante l-konvinzjoni tagħha li dan kien sar skont il-liġi, tant li d-difiża ma oġġezzjonatx għal-validità' tal-arrest, minkejja l-ammissjoni tal-imputat fl-istadju inizjali tal-proċeduri, kompliet tisma lill-uffiċjal prosekutur jispjega fil-qosor iċ-ċirkostanzi li wasslu għal-akkużi kontra l-imputat, hekk kif huwa ippreżenta numru ta' dokumenti.

Rat li waqt il-preżentata bl-arrest ta' llum it-22 ta' Ġunju 2023, wara li l-Qorti fissret lill-imputat ix-xorta tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u wissietu li mhux obbligat iwieġeb għal ebda mistoqsija lanqas li jitfa' l-ħtija fuqu nnifsu, li hu jista' jekk irid, ikun assistit minn avukati jew prokuraturi legali u li kull ħaġa li huwa jgħid tkun tista' tinġieb bħala prova kontra tiegħu, u sar l-eżami tal-imputat bla theddid jew twegħid, u bla ġurament skont l-Artikoli 390 u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal mistoqsija dwar kif iwieġeb għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, kif diġa ssemma fil-paragrafu preċedenti l-akkużat wieġeb li hu ħati.

Rat li l-Qorti ai termini tal-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali tat-

tweġiba tiegħu, spjegatlu ukoll il-portata tal-ammissjoni u sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u li l-Qorti ssospendiet il-proċeduri sabiex tagħti żmien lill-akkużat jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu bil-għan li jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta reġgħet issejħet il-kawża l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat li stante l-ammissjoni tal-akkużat, il-Qorti ikkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Li l-avukat ġenerali, stante l-koperazzjoni u l-ammissjoni bikrija tal-akkużat irrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti.

Id-difiża min-naħa tagħha bbażat l-argumenti dwar il-piena fuq il-fatt li l-akkużat kien għadu kif sar missier u allura kellu jipprovdi għall-għejxien tat-tarbija b'ħidma legali, kif ukoll fuq l-ammissjoni bikrija tiegħu u l-koperazzjoni tiegħu mal-pulizija. Għal dawn ir-raġunijiet id-difiża sostniet li m' għandiex tingħata piena karċerarja effettiva u talbet li din tiġi erogata fil-minimu tagħha.

Li stante l-ammissjoni tal-istess akkużat, il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tgħaddi għas-sentenza.

Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena ħadet konjizzjoni taċ-ċirkostanzi mqajjma mid-difiża dwar id-dipendenti tal-akkużat. Hija

ulterjorment ikkunsidrat l-ammissjoni nkondizzjonata tal-ħati fl-istadju inizjali tal-proċeduri fil-konfront tiegħu, u l-koperazzjoni tiegħu mal-prosekuzzjoni;

**Konklużjoni**

Fuq ammissjoni tal-istess akkużat, Goran Poljakovic, wara li rat l-artikoli 318 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tikkundanna l-akkużat Goran Poljakovic għal sentejn (2) priġunerija iżda, bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza m' għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija;

Bis-saħħa ta` l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-ħati Goran Poljakovic sabiex iħallas bħala kumpens id-danni kollha kkawżati fuq:

1. il-vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni KCF 734, proprjetà ta' Chanel Vella u/jew persuna jew persuni oħra,
2. il-vettura tal-għamla Maruti Omni bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD 105, proprjetà ta' Anthony Zerafa u/jew persuna jew persuni oħra;
3. il-vettura tal-għamla Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni DBN 572, proprjetà ta' Anthony Attard u/jew persuna jew persuni oħra;

u dana fi żmien sitt xhur mid-data ta` din is-sentenza;

Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi skond l-Artikolu 28A(4) u l-Artikolu 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikoli 28A u 28H tal-istess Kapitolu 9;

Apparti dan wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Chanel Vella KI: 329992M, Anthony Zerafa KI: 287546M u Anthony Attard KI: 219557M qegħda toħroġ Ordni ta' Protezzjoni għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum kontra l-ħati skont id-digriet li ngħata kontestwalment ma din is-sentenza u li għandu jifforma parti integrali minnha u li qiegħed jiġi anness magħha, b'dan illi l-ħati huwa projbit milli b'kull mod inkluż permezz ta' mezzi ta' telekomunikazzjoni elettroniċi jew b'xi mod ieħor jikkomunika ma jew jiffastidja bi kwalunkwe mod lill-istess Chanel Vella KI: 329992M, Anthony Zerafa KI: 287546M u Anthony Attard KI: 219557M.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed toħroġ ukoll Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum kontra l-ħati skont id-digriet li ngħata kontestwalment ma din is-sentenza u li għandu jifforma parti integrali minnha u li qiegħed jiġi anness magħha, fil-konfront tal-ħati sabiex isegwi programm tal-Caritas jew kwalunkwe programm addattat ieħor skont id-direzzjoni tal-Probation Officer li ser jiġi maħtur ai termini tal-artikolu ċitat.

Il-Qorti, bis-saħħa tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali l-ispejjeż kollha konnessi mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri odjerni, inklużi dawk tal-esperti li setgħu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta relatata ma dawn il-proċeduri, hekk kif stabbiliti u/jew ikkonfermati mil-istess Reġistratur.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tad-Digrieti mogħtija kontestwalment lill-Kummissarju tal-Pulizija għal fini tal-Ordni ta' Protezzjoni, lid-Direttur tal-Probation and Parole, għal fini tal-Ordni ta' Trattament, kif ukoll lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex isseħħ l-eżekuzzjoni tal-Ordni skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna ulterjorment li din is-sentenza u d-digriet dwar l-ordni ta' Protezzjoni jiġu notifikati lill Chanel Vella KI: 329992M, Anthony Zerafa KI: 287546M u Anthony Attard KI: 219557M.

Il-Qorti finalment tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol mid-data tas-sentenza l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------